MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 4/2006

**Simon CARUANA**

**vs**

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Jannar, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li jiġi deċiż li l-fatt li huwa ġie mħarrek biex jidher f'każ quddiem it-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar (aktar 'il quddiem imsejjaħ "it-Tribunal") jikser id-dritt fondamentali tiegħu ta' smigħ xieraq skond l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") liema dritt jitlob li persuna tiġi ġudikata minn Qorti jew

Tribunal imparzjali u indipendenti; talab ukoll li jitqiesu nulli u inattendibbli l-artikoli 4 u 7(1) tal-Att V tal-1995 (Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta); u talab li l-Qorti tagħtih kull rimedju ieħor xieraq u effikaċi biex tipproteġih fid-drittijiet u obbligi tiegħu ċivili skond il-liġi;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fis-7 ta' Frar, 2006, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi qal li l-intimat tħarrek għalxejn għaliex messu tħarrek id-Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja li taħt l-awtorita' tiegħu jitmexxa t-Tribunal; laqa' wkoll billi qal li l-azzjoni tmexxiet qabel il-waqt, ladarba l-każ quddiem it-Tribunal għadu qed jinstama'; u laqa' wkoll billi qed jgħid li r-rikorrent dejjem għandu rimedji ordinarji disponibbli għalih u għalhekk, jekk ma ħadhomx, din il-Qorti għandha tqis jekk imisshiex tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' l-każ. Ressaq eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex tistħarreġ jekk it-Tribunal, kif imwaqqaf bl-Att V tal-1995[1], jiksirx il-jeddijiet fundamentali ta' smigħ xieraq tar-rikorrent kif maħsuba fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Ir-rikorrent tħarrek biex jidher quddiem it-Tribunal, u qiegħed jgħid li dak it-Tribunal jikser il-jeddijiet tiegħu ta' smigħ xieraq għaliex il-każ se' jinstama' minn ġudikatur li huwa avukat li, meta ma jkunx qed jisma' l-każijiet fit-Tribunal, jista'

[1] Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta

jipprattika l-professjoni legali għal rasu. Minbarra f'dan, hemm il-fatt li l-ġudikaturi jinħatru għal żmien determinat, u li, fl-għoti tad-deċiżjonijiet tagħhom, jiddeċiedu mhux skond il-liġi imma skond l-ekwita'. Għalhekk, ir-rikorrent jisħaq li t-Tribunal ma jistax ikun wieħed imparzjali u indipendenti kif titlob il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

Illi l-intimat ressaq bosta eċċezzjonijiet, imma din is-sentenza qegħda tingħata dwar jekk messux tħarrek il-Prim Ministru, u dwar jekk il-Qorti għandhiex tinqeda bis-setgħa tagħha "kostituzzjonali" biex tisma' l-każ;

Illi **dwar l-eċċezzjoni jekk l-intimat huwiex il-leġittimu kuntradditur** tal-azzjoni tar-rikorrent, l-intimat jgħid li l-kawża messha nfetħet kontra d-Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja li, taħt it-tmexxija tiegħu, jaqa' x-xogħol tat-Tribunal. Żied jgħid ukoll li, jekk dan mhux il-każ, il-liġi trid li jkun l-Avukat Ġenerali li jirrappreżenta l-Gvern, skond ma jitlob l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jisħaq li l-kawża fetaħha sewwa kontra l-intimat Prim Ministru, u l-fatt li jista' jkun hemm persuna oħra li tirrappreżenta lill-Gvern, ma jfissirx li naqset fil-Prim Ministru l-kwalita' essenzjali tiegħu ta' kap tal-Gvern, u għalhekk, il-persuna li trid twieġeb għall-ilmenti tar-rikorrent;

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min hija l-persuna xierqa li għandha titħarrek f'kawża hija ta' siwi daqs kemm hu meħtieġ li tkun xierqa l-persuna li tiftaħ il-kawża. Sakemm ma jkunx jidher li l-eċċezzjoni qegħda titqajjem biss bħala manuvra proċedurali, id-determinazzjoni ta' min għandu jkun fil-kawża hija aspett fundamentali tal-azzjoni li tkun, u dan għaliex kull att ġudizzjarju li jsir minn jew kontra persuna li ma tistax toqgħod f'kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għal daqshekk, huwa att li ma jiswiex[2];

[2] Art. 787(1) tal-Kap 12

Illi, kif ingħad mill-Qrati tagħna, l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-persuna hija perentorja tal-ġudizzju, għax jekk tintlaqa' l-ġudizzju jaqa' u jispiċċa. Għalhekk dik l-eċċezzjoni tista' titqajjem ukoll f'kull stadju tal-proċess, imqar fil-grad tal-appell[3], u jekk kemm-il darba tintlaqa', iġġib magħha l-ħelsien tal-parti mħarrka milli tibqa' fil-kawża[4]

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[5]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi l-imsemmija kategoriji tfasslu mill-frott ta' sensiela ta' deċiżjonijiet li ippruvaw jirregolaw is-sitwazzjoni qabel ma saru l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, li kienu maħsuba biex ma jħallux aktar kwestjonijiet ta' xejra preliminari dwar min għandu jidher għall-Gvern, ixekklu l-mixi 'l quddiem tas-smigħ tal-kawżi fil-mertu. Bis-saħħa tal-artikolu 181B tal-imsemmi Kodiċi, ir-regoli iċċaraw kif wieħed għandu jirregola ruħu mhux biss f'kawżi ta' xejra kostituzzjonali;

---

[3] App. Ċiv. **19.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Soċjeta' Filarmonika 'La Stella' vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.625**)

[4] App. Ċiv. **3.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Dacoutros vs Petrococchino et*** (Kollez. Vol: **XXXIV. i. 321**)

[5] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-intimat jgħid li l-kawża messha tressqet kontra d-Direttur Ġenerali tal-Qrati. Din is-sottomissjoni ma tistax tintlaqa', u dan għaliex kemm min-natura tal-kwestjoni nnifisha (jiġifieri l-kostituzzjoni tat-Tribunal u l-liġi li taħtha twaqqaf) u kif ukoll minħabba li r-rimedju mitlub ma jistax jagħmel tajjeb għalih l-imsemmi Direttur[6];

Illi min-naħa l-oħra tqum allura l-kwestjoni jekk illum il-ġurnata, bid-dispożizzjonijiet tal-liġi fis-seħħ – partikolarment l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – jistax jitqies li l-Prim Ministru jirrappreżenta sewwa lill-Gvern fil-proċeduri quddiem il-Qrati. Jekk wieħed jaqra l-kliem tal-imsemmi artikolu – liema artikolu ma joħloq l-ebda distinzjoni bejn kawżi dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali u kawżi ta' xort'oħra – għandu jsib li fejn il-kawża ma tkunx tista' ssir kontra xi wieħed mill-kapijiet tad-dipartiment governattiv fil-każijiet maħsuba fl-ewwel sub-artikolu, allura l-Gvern huwa rappreżentat mill-Avukat Ġenerali. Issa, kif sewwa issottomettiet l-għaref avukat tar-rikorrent, kien hemm żmien fejn il-leġittimu kontradittur fi kwestjonijiet kostituzzjonali li jolqtu s-siwi ta' liġijiet kien deċiż li kellu jkun il-Prim Ministru[7]. Iżda dik il-linja ta' sentenzi ngħatat qabel il-bidliet fil-liġi tal-1995, u fid-dawl tal-imsemmija bidliet, jidher li l-Qrati ġibdu l-linja li l-"Gvern" fil-manifestazzjonijiet u l-attributi kollha tiegħu għandu jkun rappreżentat kif imfisser fl-artikolu 181B[8]. Fl-ebda waħda miċ-ċirkostanzi mfissra f'dak l-artikolu ma jissemma l-Prim Ministru;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-leġislatur ried li f'kull każ li fih waħda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rappreżentanza tkun prinċipalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Ġenerali, li dejjem u f'kull każ irid jiġi wkoll notifikat bl-atti ġudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern[9]. Din in-norma proċedurali ma tiddistingwix bejn proċedimenti ġudizzjarju

---

[6] Kost. **8.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et***

[7] P.A. Kost **15.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Lawrence Pulliċino vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati et*** (mhix pubblikata); u Kost. **30.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.102**)

[8] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Chircop vs Direttur tal-Kuntratti***

[9] Art. 181b(3) tal-Kap 12

"ordinarji" u oħrajn "kostituzzjonali". Jidher ukoll li, f'kawża oħra (li inċidentalment kellha l-istess mertu bħal din li għandna quddiemna llum[10]), il-Prim Ministru, li kien wieħed minn tliet intimati, tqies bħala persuna illeġittima fil-konfront tar-rikorrent u nħeles milli jibqa' fil-kawża. Għall-kuntrarju ta' dak li seħħ f'dik il-kawża, il-Prim Ministru f'din il-kawża huwa l-imħarrek waħdieni, u l-effett għalhekk ikun li jekk l-intimat sejjer jinħeles milli jibqa' fil-kawża, mhux se' jkun fadal intimati aktar;

Illi l-Qorti tifhem sewwa l-konsegwenza li dan ser iġib miegħu, u tqis ukoll li n-natura tal-kawża sejra tintlaqat mortalment. Partikolarment, ladarba qiegħed jinsab li l-parti mħarrka tħarrket ħażin, wieħed lanqas jista' jdur għar-rimedju li jitlob is-sejħa fil-kawża tal-kuntradittur leġittimu. Dan għaliex huwa prinċipju aċċettat li s-sejħa fil-kawża ma ssirx biex tissana l-atti fejn parti li tkun tħarrket ħażin tinbidel ma' waħda li jmissha tħarrket mill-bidu. Imbagħad, min-naħa l-oħra, ma jistax jingħad li l-kwestjoni dwar jekk l-intimat kienx messu tħarrek kienet kwestjoni fiergħa jew maħsuba biss bħala manuvra dilatorja. Minbarra dan, ir-regola tal-proċedura kif imfissra fl-artikolu 181B tal-Kodiċi kienet bilfors magħrufa lir-rikorrent jew lill-avukati li qabbad, u b'hekk ma jistax jingħad li din iċ-ċirkostanza nħolqot għall-għarrieda u bla maħsub waqt is-smigħ tal-każ;

Illi, wkoll jekk mhux għar-raġuni miġjuba 'l quddiem mill-intimat innifsu, l-ewwel eċċezzjoni tiegħu tidher mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi dan ifisser li l-Qorti m'għandhiex għalfejn tistħarreġ it-tieni eċċezzjoni, billi l-proċess se' jkollu jieqaf f'dan l-istadju;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat u tiddikjara li l-Onorevoli Prim Ministru m'huwiex il-kontradittur leġittimu

[10] P.A. Kost RCP **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat et vs Avukat Ġenerali et***

tal-azzjoni attriċi u qegħda għalhekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża, bi **spejjeż** tar-rikorrenti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------